MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 3/2008

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited ga Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Carmelo Pisani abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Carmelo Pisani (554734M)**

**Vs**

**Sean Sinclair Pace**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' seba' mija u tmien Euro u sittin centezmu (€708.60) – tlett mija u erba' liri Maltin u ghoxrin centemzu (Lm304.20c) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Carmelo Pisani aassigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom

ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' sitt mija u hamsin Euro u sitta u tletin centemu (€650.36) - mitejn u disgha u sebghin lira Maltija u ghoxrin centemzu (Lm279.20), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) - hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) l-istess Carmelo Pisani in linea ta' excess payment, bhala rizultat ta' l-incident illi sehh fis-6 ta' Ottubru 2006 ghall-habta ta' l-9:45am gewwa Triq l-Isqof Gargallo, Gharghur, illi fih il-konvenut ikkaguna danni volontarji jew involontarji fil-vettura tal-proprjeta' ta' l-attur Carmelo Pisani bin-numru ta' registrazzjoni FAU 995.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 28 ta' Marzu 2007, ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Mejju 2007, u tal-Mandati Kawtelatorji, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tal-25 ta' Mejju 2007, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Janice Farrugia li konfermat li l-ammont ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' seba' mija u tmien Euro u sittin centemzu (€708.60) – tlett mija u erba' liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm304.20) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------